# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 776/99 AJM

Kawza numru

Citadel Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi

Vs

Noel Apap

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-6 ta' April 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi fit-18 ta' Settembru 1997 f'xi l-11.55 p.m. f'St. Thomas Street, Luqa waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru KAF 217 gej mid-direzzjoni ta' HalLuqa huwa habat mal-karozza numru IAF 262 misjuqa mill-assikurat Raymond Zammit li kien gej mid-direzzjoni opposta, u assikurata taht polza comprehensive mas-socjeta' attrici; illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parit ta' l-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi in vista tal-imsemmija polza s-socjeta' attrici ghamlet

tejjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut b'konsegwenza ta' l-istess incident; illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf tlett mija u tlettin lira maltin u disgha u sittin centezimu (LM1,330.69) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut ghalkemm mitlub biex jaddivieni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;
2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta'LM1,330.69 fuq imsemmija jew kull somm aohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1997 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-3 ta' Mejju 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda billi ghall-incident stradali de quo kien jahti Raymond Zammit, assikurat tas-socjeta attrici.
2. Isegwi riferibilment ghat-tieni talba, li m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjent.

3. Riferibilment ghat-tielet talba li m'hemm ebda ammont li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur.
4. B'riserva ta kull dritt spettant lill-eccipjent vis-a-vis Raymond Zammit naxxenti mill-incident imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvent.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Gunju 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti. Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-18 ta' Settembru 1997 sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq San Tumas, Hal Luqa, bejn il-vettura numru IAF 262 misjuqa minn Gordon Debono u assikurata mas-socjeta' attrici, il-vettura numru KAF 217, misjuqa mill-konvenut u vettura ohra Cortina numru KAO 838 misjuqa minn certu Kevin Farrugia. Is-sewwieq ta' din ta' l-ahhar vettura mhux involut fil-proceduri odjerni u ittella biss bhala xhud.

Fil-hin ta' l-incident Gordon Debono kien niezel fl-imsemmija triq mid-direzzjoni ta' l-ajruport l-antik ta' Hal Luqa fid-direzzjoni ta' Hal Qormi. Mid-direzzjoni opposta kienu telghin il-konvenut u Farrugia.

Hekk kif il-vetturi kienu qeghdin jinnegozjaw kisra fit-triq sar impatt bejn il-vettura misjuqa mill-attur u dik tal-konvenut. Din ta' l-ahhar mal-impatt daret "on its axis" u habtet mal-vettura misjuqa minn Farrugia.

Li skizz tal-incident presentat mis-Surgent Savious Camilleri, li nvestiga l-incident, juri kif waqfu l-vetturi wara l-habta. Il-vettura assikurata mas-socjeta' attrici tidher wieqfa fuq in-naha taghha tat-triq, ippuntata xi ftit lejn il-hajt tax-xellug u bi hsara fuq il-kantuniera ta' quddiem tal-lemin. Fil-karreggata nizla lejn Hal Qormi u cioe fejn kien jsuq l-assikurat ta' l-attur, u aktar lura minn fejn waqfet il-vettura tieghu, hemm indikat "brake mark" ta' 9.70 metri tul li jinsab ftit il-barra mill-hajt tax-xellug u ghalhekk kompletament fuq in-naha it-tajba tat-triq ta' l-istess Gordon Debono. Dwar dan il-brake mark Debono ma kienx jaf jghidlina jekk kienx tieghu, ghalkemm hu stqarr li zamm il-brake, izda l-ufficjal li investiga l-incident xhed li dan il-brake mark irrizultalu li kien tal-vettura li kienet nizla mid-direzzjoni ta' Hal Luqa u dana minkejja li hemm jkun hemm hafna "accidents".

Fl-iskizz insibu ukollil-vettura tal-konvenut li tidher wieqfa fuq in-naha taghha tat-triq izda thres fid-direzzjoni opposta ta' minn fejn kienet tiela, bi hsara fuq il-gemb tal-lemin taghha u tmiss, bil-parti ta' wara taghha, mal-pinna tal-lemin ta' wara tal-Cortina li tidher wieqfa aktar 'l fuq ukoll fuq in-nahha taghha tat-triq. Fin-nofs tat-triq u b'gibda mil-lemin (tal-konvenut) lejn ix-xellug, hemm ukoll sinjal fil-karreggata twil 10 metri. Dan is-sinjal jidher mghawweg u indikatv ta' marka fil-karreggata ta' rim tar-rota ta' vettura li qed iddur wara impatt.

It-triq fil-punt fejn grat il-habta hija wisgha 12.80 metri ossia 40 pid. L-incident gara ghal habta tal-11.30 p.m.

Fl-okkorrenza tal-incident li giet ukoll presentata mill-ufficjal li investiga l-kaz huwa riportat hekk:

"*Minn stharrig li sar ma sewwieq tal-karozza KAF 217 (*il-konvenut*) huwa stqarr li ien qed isuq il-karozza tieghu matul Triq San Tumas u kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Qormi huwa kien qed isuq ma genb karozza KAO 838 Cortina u kien fin-naha ta' barra, f'daqqa karozza IAF 262 Mazda (*assikurata mal-attur*) li kienet gejja mid-direzzjoni ta' HalLuqa dahelt fil genb tal-karozza tieghu u bid-daqqa il-karozza daret u habtet mal-Cortina.*

*"Sewwieq ta' karozza IAF 262 (*assikurata mal-attur*) stqarr li huwa kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Luqa fi Triq San Tumas u kien sejjer lejn id-direzzjoni ta' Hal Qormi, kif wasal fil-liwja karozza KAF 217, li kienet qed tigi misjuqa ma genb il-Cortina fin-naha ta' barra tat-Triq habtet mal-karozza tieghu."*

Ir-ritratti ezebiti a fil 46 u 49 tal-process juru l-hsara fil-vetturi tal-kontendenti. Dik tal-konvenut, li kienet Mini Minor, tidher li kellha daqqa fuq il-genb tal-lemin taghha tibda mil-kolonna tal-bieba tad-driver u tibqa mixja sa wara nett. Mentri jidher li l-hsara fil-vettura assikurata mal-attur kienet limitata ghal pinna tal-lemin ta' quddiem bi hsarat fil-bumper, mudguard, bonnet u fanali f'dik il-lokalita'.

Dwar id-dinamika tal-incident Debono, li kien jsuq il-vettura assikurata mal-attur, stqarr li huwa dejjem kien jsuq fil-karreggata tieghu. Ra l-Mini Minor, misuqa mill-konvenut, qed taqbez il-Cortina, applika l-brake u fl-istess hin il-Mini ittantat terga tidhol fil-karreggata taghha bill dawret f'salt u kif ghamlet hekk (il-Mini) "mar minn wara u gie straight go fijja."

Il-konvenut, kuntrarament ghal dak li kien gie rapportat fl-okkorrenza mill-ufficjal investigattiv ftit wara l-incident, qal li huwa kien mixi wara l-Cortina, distanza ta' xi karozza u nofs warajha. Lill-assikurat ta'l-attur ma rahx gej, minhabba li l-Cortina kienet qed tostakolalu l-vizwali, u kull ma jaf hu li hass id-daqqa. Hu kompla jghid li fil-karreggata la kien qrib il-bankina u lanqas lejn nofs it-triq – qiesu f'nofsha. Il-konvenut cahad li kien qed jaghmel sorpass.

Ix-xhud Farrugia, li kien qed isuq il-Cortina, xhed li tal-Mini kien jsuq warajh b'mod normali u li l-assikurat ta' l-attur gie bi speed eccessiv u kompletament "wrong side" u baqa diehel fil-Mini tal-konvenut wara li huwa stess kien evitah billi gibed lejn ix-xellug tat-triq.

Ikkunsidrat:-

Mil-fatti fuq riportati din il-Qorti ma ssib ebda ezitazzjoni biex tiddikjara li l-incident in ezami gara unikament tort tal-konvenut. Dan ghar-ragunijiet segwenti:-

a) Id-diskrepanza bejn dak li tnizzel fl-okkorrenza mill-ufficjal investigattiv ftit wara l-habta u dak li xhed l-konvenut u x-xhud Farrugia dwar il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut immedjatment qabel l-impatt, titfa del serju fuq il-verzjoni ta' dawn iz-zewg persuni. Huwa ragionevolment accettat, salv prova kontrarja ta certa gravita', li r-rapport tal-pulizija jirrispekkja dak li jkunu qalu s-sewwieqa wara l-habta. Issa fil-kaz in ezami jidher car mill-okkorrenza li mhux biss l-assikurat ta' l-attur izda ukoll l-istess konvenut qalu li l-vettura tal-konvenut kienet qed tinsaq

*"ma genb karozza KAO 838"* u cioe il-Cortina ta' Farrugia. Din il-verzjoni tikkontradixxi kompletament dak li qal Farrugia.

b) Mhux dan id-dokument biss jikkontradici l-verzjoni tal-konvenut u x-xhud minnu prodott, izda l-istess marki fil-karreggata kif riprodotti fli skizz juru li l-vettura tal-konvenut kienet tinsaq, ftit qabel l-incident, kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u l-hsara fil-Mini tal-konvenut, cioe il-gemb kollu tal-lemin, tikkorobora dak li qal l-assikurat ta' l-attur fis-sens li din kienet "wrong side" u hekk kif gibdet lejn ix-xellug biex tevita l-incident, giet kompletament quddiemu timblukkalu t-triq.

c) Il-hsara fil-Cortina li tinsab fuq il-mudguard tal-lemin ta' wara hija ukoll indikattiva li l-Mini kienet izjed il-barra minnha meta grat il-habta. Altrimenti jekk wiehed kellu jaccetta dak li qed jghid il-konvenut u Farrugia il-Cortina kienet tintlaqat, *jekk kienet tintlaqat*, fuq wara u mhux fil-genb.

d) L-allegazzjoni ta' sewqan da parti tal-assikurat ta' l-attur bi speed ezagerat u fuq in-naha il-hazina tat-triq, hekk kif semma x-xhud Farrugia, mhux verosimili. Fl-ewwel lok il-vettura tal-assikurat ta' l-attur waqfet ftit metri boghod mill-ispot of impact minghajr ma habtet ma xi hajt u ghalhekk ma setghax kien hemm speed qawwi. Fit tieni lok il-brake marks ta' 9.70 metri fil-karreggata ta' din il-karozza, li skond l-ufficjal li investiga l-kaz, kienu tal-vettura misjuqa minn Debono, huma kompletament fuq in-naha tieghu tat-triq. Inoltre jidher li l-impatt gara fuq in-naha tat-triq ta' Debono billi l-marki fil-karreggata li halliet l-Mini tal-konvenut jibdew minn fuq in-naha tat-triq ta' l-istess Debono.

Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi prodotti jidher li l-incident in kwistjoni gara meta l-konvenut kien qed jittanta jissorpassa vettura ta'

quddiemu f'kurva fejn il-vizwali tieghu kienet limitata u meta, biex jaghmel hekk, mar fuq in-naha l-hazina tat-triq u ostakola l-karreggata tal-assikurat ta' l-attur.

Illi dwar danni jidher li ma hemmx kontestazzjoni. Xhed il-"claims manager" tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-vettura misjuqa minn Gordon Debono kienet assikurata mas-socjeta' attrici taht polza "comprehensive" b'"excess" ta' LM75. Bhala rizultat ta' dan l-incident s-socjeta' attrici, li ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha, eccetto l-ammont rappresentanti "excess", hallset is-somma ta' elf tlett mija u tlettin lira maltin u disgha u sittin centezimu (LM1330.69). Liema danni huma risarcibbli mill-konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemi, tillikwida d-danni attrici fis-somma komplessiva ta' elf tlett mija u tlettin lira maltin u disgha u sittin centezimu (LM1330.69) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.